MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 65/2002/1

**Lou Bondi f'ismu proprju bhala socju tas-socjeta' 'Where's Everybody?'**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mill-attur pro et noe fl-24 ta' Jannar, 2002 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu *'Ta' "Where's Everybody" Jaharbu'* ippubblikat f'pagna 6 tal-gazzetta 'Kullhadd' fid-9 ta' Dicembru, 2001 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) li tieghu huwa l-editur, jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur li l-ghan taghha huwa li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira maltin

(Lm5,000) a tenur ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut  li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi in linea preliminari l-konvenut jeccepixxi illi l-attur m'ghandhux personalita' guridika kwindi m'ghandhux standi judicio fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi preliminarjament ukoll il-konvenut jecepixxi il-*lis alibi pendens* a tenur ta' l-Artikolu 792 tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-artikolu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur.

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit il-fatti msemmija jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Rigward l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenut li l-attur m'ghandhux personalita' guridika, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' l-attur fejn huwa ddikjara illi qed jaghmel din il-kawza f'ismu proprju u bhala socju tas-socjeta' *"Where's Everybody?"* li hija *civil partnership* li saret permezz ta' att pubbliku in atti Nutar Rachel Busuttil tas-26 ta' Gunju, 2000 u ghalhekk ghandha personalita' guridika distinta mill-membri li jikkomponuha. F'din il-kawza, l-attur qieghed jagixxi f'ismu proprju u ghalhekk ma tara l-ebda fondament fl-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi l-*lis alibi pendens* a tenur ta' l-Artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana qed jinghad peress illi Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' *"Where's Everybody?"* ghamlu kawza b'metodu identiku ghal dan in ezami kontra l-istess konvenut quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Filwaqt illi f'din il-kawza l-attur qed jadixxi f'ismu proprju, fil-kawza l-ohra hija s-socjeta' *"Where's Everybody?"* li qed tadixxi, socjeta', kif inghad, b'personalita' guridika separata. Ghalhekk wahda mill-elementi ghas-success tal-eccezzjoni tal-konvenut u cioe' *"eodem persona"* hija nieqsa. Hawn ukoll din l-eccezzjoni tisthoqq li tkun michuda.

Il-kawza fuq imsemmija giet deciza u marret quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn inghatat decizzjoni definittiva fil-11 ta' Frar, 2004. Peress illi l-meritu huwa identiku, tajjeb li din il-Qorti, a skans ta' repetizzjoni taghmel referenza ghall-argumenti migjuba mill-Qorti ta' l-Appell fejn ikkonkludiet illi l-artikolu msemmi kien libelluz fil-konfront tas-socjeta' msemmija. Fil-fehma ta' dik il-Qorti l-bilanc rikjest bejn l-interess ta' l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita' tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun infurmat fuq materji li legittimament kienu jolqtu divulgazzjoni ta' nformazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika, ma giex adekwatament imhares u kultivat fl-artikolu in diskussjoni.

Qalet ukoll *"l-gudizzju valutattiv ta' l-artikolist dwar dak minnu rakkontat ma kellhux ikun wiehed immaginarju izda wiehed accertat u utili ghall-ahjar apprezzament ta' l-ahbar moghtija. Xort'ohra dak l-istess gudizzju jassumi karattru offensiv in kwantu espress f'termini fondamentalment korretti u li jitraxxendu f'insinwazzjoni in veritjera diretta biex tolqot biss il-fama u reputazzjoni tas-soggett kritikat u xejn aktar."*

Huwa in utili ghal din il-Qorti li tapprofondixxi aktar mill-kunsiderazzjonijiet ta' dritt moghtija mill-Qorti ta' l-Appell ghax ir-rizultat ser ikun l-istess, u cioe' illi l-artikolu jmur l-hinn minn *"fair comment"* maghmul in *"buona fede"* u intiz biss biex jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) in linea ta' danni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------